MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 451/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**KONTRA**

**SHONE AGIUS**

**Il- Qorti;**

Wara li rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra;

Shone (Carmel- Shone) Agius ta’ 38 sena, bin Philip u Mary nee’ Magro, mwieled gewwa Pieta’ nhar l- 24 ta’ Frar 1973, residenti gewwa 6, Triq San Gwann, Sqaq Nru. 15, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- nurmu 123673M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Bejn it- 12 ta’ Marzu 2011 u l- 14 ta’ Marzu 2011, gewwa Triq Din Michele Balzan Attard, ikkommetta serq minn residenza taht kostruzzjoni ghad- dannu ta’ Dario Camilleri, liem serq huwa aggravat bil- valur li jaqbez €232.94, izda mhux €2329.37 u bil- lok;

2) Aktar talli sar recidiv b’ sentenzi tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll talli kkommetta reat fil- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, u bi ksur tal- Probation a tenur tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’ sentenza tal- Qorti tal-MAgistrati (Malta) u lliberat bil- kundizzjonijiet kontemplati fl- istess Artikoli;

Rat id- dokumenti kollha ezebiti;

Rat l- atti kollha tal- kawza;

Semghet ix- xhieda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

Rat illi l-oggett misruq gie ritornat lid-derubat, u li l-imputat ghen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha;

Rat inoltre li s-sentenza sospiza moghtija lill-imputat, u s-sentenza ta’ ordni ta’ Probation, it-tnejn iddahhlu fis-sehh

permezz ta’ sentenza ohra moghtija lill-imputat, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom;

Rat ukoll li r-recidiva taht l-Artikolu 50 mhix applikabbli ghal dan il-kaz, tenut kont li hu qed jiskonta l-piena moghtija lilu fis-sentenzi indikati;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tieghu din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kontra tieghu u ghaldaqstant ser tghaddi biex taghti s-sentenza u l-piena kontra tieghu. Il-Qorti giet infurmata li l-oggett derubat kien gie ritornat lil sidu qabel ma nbdew dawn il-proceduri, u li l-oggett misruq ma kienx ta’ valur konsiderevoli, ghalkemm kien jeccedi l-mitejn u tlieta w tletin Ewro. Inoltre l-imputat illum jinsab detenut fil-Facilita’ Korrettiva, u sejjer jibda programm residenzjali ta’ rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Ghalhekk il-Qorti qed tikkunsidra li ma taghtix piena ta’ prigunerija f’dan il-kaz, peress illi jista’ jitlef din l-opportunita’ ghal programm. Tenut kont, ghalhekk, ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, tal-fatt li l-oggett derubat kien gie ritornat, li r-recidiva mhix applikabbli ghal dan il-kaz, li s-sentenzi kontra l-imputat iddahhlu fis-sehh, u li l-imputat ser jibda programm, il-Qorti sejra taghti provvediment taht il-Kap 446 minnflok piena. L-ispirtu tal-ligi penali mhuwiex biss punittiv izda hu wkoll riparattiv. L-iskop wara piena huwa li persuna li tkun kisret il-ligi taghmel tajjeb ghal dik il-hsara, jew billi sservi terminu ta’ prigunerija, jew billi tirriforma l-imgieba taghha. F’dan il-kaz, jidher li l-imputat qieghed jipprova jaqbad it-triq it-tajba, u zgur mhix ser tkun din il-Qorti li ttellfu minn opportunita’ li jbiddel hajtu ghall-ahjar.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 269 u 279, 49, 50 u 289, u 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------